# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

## EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2015/2016
## SKEMA TA' MARKI

| IR-RABA' SENA | Studji Soċjali Option | Ħin: siegħa u nofs |
|---|---|---|

**A. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**

*Hawnhekk ser issib it-tweġiba t-tajba għal kull mistoqsija. Pero' jista' jkun li t-tweġibiet ivarjaw min-naħa tal-istudenti. Il-marki jingħataw għal kull tweġiba li tagħmel sens.*

1. Adoloxxenza hi l-perjodu ta' bejn it-tfulija u ż-żgħożija filwaqt li żgħożija hu ż-żmien ta' wara l-adoloxxenza meta persuna tkun għaddiet minn żvilupp fiżiku, mentali u soċjali. (2)

2. Ħafna żgħażagħ ikunu jixtiequ jaħdmu għal bidla iżda min-naħa 'l oħra ma jkunux jixtiequ li s-soċjeta', speċjalment l-anzjani jduru kontrihom għalhekk jipprovaw iżommu stabbilita'. (2)

3. L-irwol taż-żgħażagħ fis-soċjeta' Maltija hu li jibnu l-identita' tagħhom skont l-idoli tagħhom, li jissieħbu f'għaqdiet fil-lokal u kif ukoll jagħtu l-opinjonijiet tagħhom. (3)

4a. Iż-żgħażagħ huma n-nies li jkollhom enerġija biex jaħdmu, jorganizzaw attivitajiet u anke jagħtu opinjonijiet biex iġibu l-bidla. (2)

4b. Aġenzija Żgħażagħ u Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. (2)

5. Sotto-kulturi taż-żgħażagħ huma gruppi ta' żgħażagħ li ma jimxux mal-istil ġenerali taż-żgħażagħ iżda jkollhom stil ta' ħwejjeġ, xagħar, mużika li jisimgħu li jkunu differenti min-norma bħal emo's, rockers u skaters. (2,3)

6. Programm ta' rijabilitazzjoni hu programm li jgħin persuna biex terġa taddatta ruħha għas-soċjeta' wara li tkun għaddiet minn perjodu diffiċli, eż. Programm tad-drogi u l-Ħabs. (2,2)

7. Imġiba devjanti hi imġiba li tikser in-normi tas-soċjeta', eż. Meta persuna tirrispondi lil min għandu l-awtorita' filwaqt li imġiba delikwenti hi imġiba li tikser il-liġijiet bħal użu ta' drogi. Żewġ tipi ta' imġiba li qabel kienu jitqiesu bħala devjanti huma li persuna jkollha ħafna tattoos jew li jkollha ħafna msielet f'partijiet differenti. (3,2)

**25 marka**

**B. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**

*Hawnhekk ser issib it-tweġiba t-tajba għal kull mistoqsija. Pero' jista' jkun li t-tweġibiet ivarjaw min-naħa tal-istudenti. Il-marki jingħataw għal kull tweġiba li tagħmel sens.*

1. Ix-xogħol hu attivita' tal-moħħ jew tal-id fejn il-bniedem jipproduċi xi ħaġa. Ix-xogħol jurina sens ta' identita' għax juri aħna x'livell ta' edukazzjoni għandna u aħna x'inħobbu nagħmlu. (2,2)

2. Ix-xogħol hu importanti għal bniedem għax jagħtih sens ta' identita' u bix-xogħol, persuna tkun tista' taqla' l-flus. (2)

b. Ix-xogħol hu importanti għas-soċjeta' għax ikabbar l-ekonomija tal-pajjiż u l-pajjiż jibqa' żviluppat. (2)

3. Is-settur terzjarju. (1)

b. It-tieni settur tal-ekonomija hu s-settur ta' meta riżors naturali jsir fi prodott filwaqt li r-raba' settur hu s-settur tar-riċerka. (2)

4. Bl-industrijalizzazzjoni x-xogħol ħalla effetti kemm pożittivi u kif ukoll negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem. Effetti pożittivi li naqset it-tbatija iżda effetti negattivi bħal problemi fl-għajnejn, uġigħ ta' ras peress li dejjem tagħmel l-istess xogħol u xogħol monotonu li jġib ħajja monotona. (3)

5. L-etika tax-xogħol hi l-mod kif għandna nġibu ruħna fuq il-post tax-xogħol, eż. Puntwalita' u li taħdem tajjeb fi grupp. (1,2)

6. Nies b'diżabilita' li minħabba d-diżabilita' tagħhom ma jkunux jistgħu jsibu xogħol. Nies ta' eta' kbira li ma jagħtuhomx opportunita' għal xogħol għax min iħaddem jara li huma kbar fl-eta' u mhux *worthed* li joqgħod jgħallimhom. (2,2)

7. Il-klassijiet soċjali huma saffi ta' nies li jkollhom l-istess riżorsi u opportunitajiet. Il-flus u l-poter. (2,2)

**25 marka**

**Ċ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet kollha fit-tul:**

*Hawnhekk ser issib it-tweġiba t-tajba għal kull mistoqsija. Pero' jista' jkun li t-tweġibiet ivarjaw min-naħa tal-istudenti. Il-marki jingħataw għal kull tweġiba li tagħmel sens.*

1. Is-saħħa ħolistika tiġbor fiha saħħa fiżika, saħħa mentali u saħħa soċjali. Saħħa fiżika hi li tkun b'saħħtek fil-ġisem u li tiekol dieta bilanċjata u tagħmel eżerċizzju fiżiku. Saħħa mentali hi li tkun taf tikkontrolla l-istress tal-ħajja biex ma taqax f'dipressjoni u saħħa soċjali hi li persuna tibni relazzjonijiet soċjali ma' ta' madwarha u anke tissieħeb f'għaqdiet fil-lokal. (5)

2. Li tiekol dieta bilanċjata, tagħmel eżerċizzju fiżiku, tagħmel visti regolari għand it-tabib, tieħu l-mediċini li jkollha bżonn u anke li żżomm lilha nnifisha nadif. (5)

3. Benefiċċji kontributorji huma benefiċċji li biex toħodhom, trid tkun ħallast l-NI bħal pensjoni jew il-benefiċċju tal-mard. Benefiċċji mhux kontributorji huma benefiċċji soċjali li joħodhom kull min ikun fil-bżonn u mhemmx għalfejn tikkontribwuti għalihom, eż. childrens' allowance. (5)

4. Faqar assolut hu faqar fejn parti kbira mill-popolazzjoni tal-pajjiż ikunu qed jgħixu f'faqar estrem, eż. Uganda. Faqar relattiv hu faqar fejn in-nies ma jkollhomx biex jixtru affarijiet li għal kumplament tal-pajjiż ikunu bżonnjużi, eż, washing machine. (2)

b. Mard għax in-nies ma jkollhomx biex jixtru mediċini, aktar serq mill-ħwienet u l-ekonomija tal-pajjiż tmur lura. (3)

5. Esklużjoni soċjali hi meta persuna ma tiġix aċċettata fis-soċjeta'. (2)

b. Minħabba reliġjon, kulur tal-ġilda jew diżabilita'. (3)

.

**25 marka**

**D. Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb komponiment dwaru f'madwar 250-270 kelma.**

*Il-marki jingħataw lil kull idea li tagħmel sens skont it-titlu tal-komponiment.*

Il-25 marka għandhom jitqassmu hekk:

| | |
|---|---|
| 21 - 25 | Tajba ħafna |
| 16 - 20 | Tajba |
| 12 - 15 | Mhux ħażin |
| 0 - 11 | Mhux tajjeb |

**25 marka**